2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

   — Il-motiv ta' rifjut tal-Artikolu 4 (3), l-ewwel paragrafu, tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ma japplikax għad-dokumenti mitluba;

   — L-iżvelar tad-dokumenti mitluba ma jippreġudikax serjament il-proċess deċiżjonali tal-Kummissjoni;

   — Ksur tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fejn il-Kummissjoni ma bbilanċjatx korrettement l-interessi protetti minn nuqqas ta' żvelar kontra l-interess pubbliku għall-iżvelar tad-dokumenti kkonċernati.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 7(1) u (3) u l-Artikolu 8 (1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

4. Ir-raba' motiv, fir-rigward tal-azzjoni għad-danni taħt l-Artikolu 340 TFUE, jallega l-ksur mill-Kummissjoni tal-Artikolu 7(1) u (3) u tal-Artikolu 8(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

---

([1]) Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas- 6 ta' Settembru 2006, dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, p. 13)

([2]) Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, p. 43).

([3]) Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998 u approvata, f'isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE, tas-17 ta' Frar 2005 (ĠU L 124, p. 1).

---

## Rikors ippreżentat fl-10 ta' Awwissu 2015 – Foodcare vs UASI – Michalczewski (T.G.R. ENERGY DRINK)

**(Kawża T-456/15)**

(2015/C 328/26)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Foodcare sp. z o.o. (Zabierzów, il-Polonja) (rappreżentant: A. Matusik, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Dariusz Michalczewski (Gdańsk, il-Polonja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Proprjetarju tat-trade mark ikkontestata:* ir-rikorrenti

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja verbali "T.G.R. ENERGY DRINK" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 5 689 237

*Proċedimenti quddiem l-UASI*: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-12 ta' Mejju 2015 fil-Każ R 265/2014-2

**Talbiet**

— tiddikjara l-invalidità tad-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— ksur tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fil-11 ta' Awwissu 2015 – Fakro Sp. z o.o. vs UASI – Saint Gobain Cristaleria (climaVera)**

**(Każ T-457/15)**

(2015/C 328/27)

*Lingwa tar-rikors: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Fakro Sp. z o.o. (Nowy Sącz, il-Polonja) (rappreżentant: J. Radłowski, konsulent legali)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Saint Gobain Cristaleria SL (Madrid, Spanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Applikant tat-trade mark ikkontestata:* ir-rikorrenti

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-element verbali "climaVera" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 521 366

*Proċedimenti quddiem l-UASI:* Proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-12 ta' Mejju 2015 fil-Każ R 2095/2014-2